# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**
*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**131.** **4 ta' MARZU 1911.** **IT-TIELET SENA**



FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'lgazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**


# IL CANADA

Kabel nibda nitchellem xejn magħcom, chif ŭiegħidtcom, fuk dana il pajjis li fih sejjrin bla ħeda daŭc collha li jridu jakilgħu il flus, irrid naticom aħbar tajjba billi ngħarrafcom li da'l ġranet telak għal hemm kassis żagħżugħ malti intelliġenti u ħabriechi ħafna, is-Sacerdot Sammut ta' Birchircara, impjegat bħala Cappillan f'Alberta, li hi ŭaħda m'il pajjisi li fihom hi imkassma il Canada.

Mela issa fl-America ta' Fuk, li nafu bihom, hemm tliet Cappillani maltin, is-Sacerdot Zarb ta' Floresville, Dun Ġorġ Caruana f New York u dana Sammut f'il Canada.

* * *

Dina il ħaġa hi għalina ta' importanza cbira ŭisk għaliex ŭara daŭna it-tliet Sacerdoti kalbiena jena sgur li bosta kassisin oħra milli għandna jitħajjru biex ijmorru impjegati bħalha Cappillani hemm u b'hecc jicsbu ġid huma u jagħmlu ġid cbir lil Malta għal daŭna ir-raġunijiet li sejjer insemmilcom.

* * *

Jcun ġid cbir għalihom għaliex billi huma intelligenti u jafu il-lum tajjeb bl-ingliż hemm jidraŭ u jakbdu malajr u billi il maltin huma dħulin bħal melħ f'il borma fi ftit snin ijcunu fuk ŭiċċ l-idejn u b'hecc m'hux biss jibdgħu jakilgħu flus chemm ijridu u jibnu villi u jŭakktu ġonna bħal ma għamel Dun P. P. Zarb fi Floresville iżda jġibu il pajjis taħt il ħacma morali tagħhom u b'hecc barra milli jistagħneŭ u jcunu jistgħu jirfdu il nieshom ijcunu irrispettati fuk ŭiċċ l-idejn.

* * *

Barra minn dana jakdu aħjar dmirhom u jagħmlu ħafna ġid lill erŭieħ għaliex haŭn kassisin u patrijiet għandna b'iżżejjed iżda hemm ma hemmx u hemm ijmorru ħafna nies li actar ijħabblu rashom b'il ġid ta'd-dinja milli b'ir-risk ta' rŭieħhom. Mela il kassis li tasseŭ ijrid ijsalva l-erŭieħ actar għandu loc hemm fejn jistadhom milli haŭna.

U haŭn il kassis x'jokgħod jagħmel jinħela għal xejn bl-iscud cull jum ta'l kuddiesa u l-erbgħa irbgħajja ta'l cor meta jsib jaklagħhom? F'daŭna il pajjisi ġodda u ta' cull risk hemm fejn jista jgħix ħafna aħjar hu u hemm fejn actar jagħmel il kalb u jaħdem f'il kasam ta'l Mulej.

* * *

Lil Malta jagħmlulha dana il ġid cbir bla tarf; li meta jcollna miżrugħa ma'l America bosta kassisin bħala Cappillani daŭna jcunu, bħala nies intelligenti u ta'r-ruħ, ijgħarrfuna seŭŭa u bla kerk, fejn huma l-aħjar pajjisi biex fihom nibagħtu il Maltin biex ijsibu ix-xogħol. Il Malti, u b'ir-raġun, dejjem ħabb lil kassisin tŭajjba u intelligenti tiegħu, u għalhecc meta jibgħat ijgħidilhom il kassis ta'r-raħal tagħhom stess li jcunu jafuh seŭŭa u trabbeŭ miegħu: «ejjeŭ għaliex haŭn jiena biex naticom dakka t'id u tasseŭ haŭn fejn takilgħu ħobż tajjeb» daŭna ma jaktgħux klubhom u ma jokogħdux jaħsbuha darbtejn; u b'hecc il għadd ta'l emigrati għandu jicber.

* * *

Raġuni oħra hi din li il Maltin collha, u l-actar ta'l campanja, huma nies ta'r-ruħ u għad li jridu jakilgħu il flus u jimxu il kuddiem ma jridux iżda li jitilfu ruħhom. Bosta minnhom ŭaħda m'il ħŭejjeġ li jaktgħulhom klubhom biex ijmorru hi dic li jibżgħu li ma jsibux kassisin u cnejjes fejn ijkerru u jitkarbnu. Għalhecc meta jcunu jafu li fejn sejjrin hemm kassis li jista jkararhom b'il malti jmorru actar b'il kalb.

* * *

Raġuni oħra hi din li meta jaslu hemm ijridu il xi ħadd biex jatihom dakka t'id jecc jixtru raba biex ma jitkarrkux, biex jiccurdaŭ f'xogħol ħalli ma jerdgħulhomx demmhom, u minn ac

tar minn kassis ta'r-ruh jista jmixxihom f'dana bla ghilt u bla interess ta' xejn ?

Il Cappillan Malti jsir il missier ta'l Colonja u jiehu hsieb m'hux biss ta'r-ruh iżda ta'l interess ucoll ta'l emigranti maltin u b'hecc ijkaŭŭilhom klubhom biex jibkghu hemm u biex jistiednu lil hbiebhom u lill nieshom hal i jnghakdu maghhom.

* * *

Mela iż-żerrigha tajjba ta' cull emigrazjoni maltija ghandhom ijcunu il kassisin maltin li jmorru impjegati f'is-sod bhala Cappillani. Jcun ġid cbir ghalihom u jistghu jaghmlu ġid bla tarf lill Maltin li jmorru gha'x-xoghol hemm.

Jiena ma nistax hlief inhajjar b'kalbi collha lill hafna m'is-Sacerdoti intelligenti u haŭtiela li ghandna biex ijmorru hemm ghaliex ijcun ġid cbir ghalihom, ghal l-emigranti maltin u ghal dana il pajjis ucoll billi jservu bhala calamita biex jiġbdu ŭarajhom ftit minn nies żejjda li haun f'Malta.

J'Alla jithajjru minnhom bosta ohrajn.

## FRAC.

Hareġ in-numru 105 ta'l «Moghdija ta'ż-Żmien» li hu in-«Nichet u Ferh» ta' Giov: Mifsud-Bonnici. Dana il poeta malti ta' hila chiteb poeżija il Passjoni u il Meŭt ta' Sidna Ġesù Cristu u ghamel tasseŭ xoghol sabih li ghad ijdum jissemma ghal hafna snin f'il-letteratura maltija. Ghajb li fih cull tant xi versi hziena u li ma ŭriehx lil xi ŭiehed seŭŭa biex ijfiehmu ftit fejn hemm bżonn ta' xi dakkiet ta' lima li chienu jseddku ix-xoghol hafna ahjar. Huma tbajja rkak iżda f'biċċa xoghol sabiha ta' mghallem jitfettxeŭ ucoll. L-ortografija tieghu hi m'il ahjar ghad li ma hix dejjem corretta u hadt pjacir meta rajtu uża l-ŭ li dahhalt jiena. Chiecu ma żammx dejjem il *qŭinarju accoppjat* nahseb li ghall ŭiedna chien jinstama ahjar. Dana il poema jista f'il ŭisa jokghod hdejn il «Ġifen Torc» ta'l Prof: Vassallo. Fi ftit cliem dana hu xoghol li ma ghandu imut katt u li juri chemm hi sabiha il poeżija maltija f'idejn tajjbin.

Nirringrazzja l'is-Sinjuri Ant: Zammit n Siehbu ta' Strada Santa Lucia, Nru. 184, ta'l Belt talli baghatli almanacc sabih hafna ta'd-Dar famusa ta'l Helu u Cunservi John Gray & Co, ta' Glasgow li taghha huma l-Agenti u li tghodd fuk il mitt sena hajja.

Il Prof: Manchè chitibli: *Caro Levanzin, ho letto con piacere il «Nahla» di sabato scorso ove parla della California. Il suo articolo farà molto bene, ora che è la stagione propria all'Emigrazione, e di fatti molti* (*anche donne che vanno vicino ai loro mariti*) *si preparano di partire verso la metà di Marzo. Ho molto piacere di sentire che Ella intende parlare del Canada per dove oggi doveva partire il Sac: Don Ant: Sammut di Birchircara con alcuni altri. Questi è stato impiegato al Canada come parroco e li sarà di grande ajuto agli emigrati maltesi che vorranno in appresso recarsi al Canada. Sperando che i neoeletti al Consiglio vorranno interessarsi della questione e spingere il Governo a promuovere l'Emigrazione, mi dico suo sinceramente.*

L. Manche'.

Minn dina l-ittra naraŭ li il Maltin, u l'actar daŭc ta'l Mosta u ta'n-Naxxar, bdeŭ jitkanklu ġmielhom biex ijmorru jfittxu hobż ahjar fl-America u zitma, bhal ma kal il Prof: Manchè, li il maŭra ta' Dun Anton Sammut hemm bhala Cappillan tcunilna ta' ġid cbir.

Kieghed niehu ġost ucoll li l-ahjar nies ta'l pajjis kieghdin jiehdu pjacir cbir bl-articoli li kieghed ingib fuk l-Emigrazjoni billi kieghdin ijhajjru u jifthu ghajnejn bosta nies, u pajjisna, f'da'l mument ma ghandux bzonn ta'l ġlied u it-tghajjir ta'l politica iżda biss li ŭiehed jistudja chif jerfghu ftit m'il ghacs li jinsab fih u tost daŭn ŭiehed m'il ahjar mezzi hu bla dubju ta' xejn l-Emigrazjoni.

# Ghomja Famusi.

(*Jissoctaŭ minn numru ta' kabel.*)

### Alice A. Holmes

F'it-«*Times*» ta ftit xhur ilu krajt li il famusa poetessa Holmes ghalket disghin sena u li ghalhecc ghamlulha festa f'darha, 223, Warren Street, Jersey City, fl-America. Dina chienet tilfet id-daŭl ta' ghajnejha meta chien ghad ghandha disa snin biss ŭara il hosba li chienet mardet biha fuk il vapur li ha lilha u lil niesha m'l Inghilterra ghal l-America. Hemm chienu dahhluha f'il «New York Institute for the Blind» fejn bakghet ghal hafna snin u fejn ghamlet hbieb ma' ghamja famusa ohra u poetessa bhalha Fannie Crosby li chitbet tant innijiet sagri sbih. Miss Holmes harġet bosta cotba ta' poeżiji sbih hafna u li min jifhem fahharhom ŭisk.

### Marguerite Audoux

Minn «*New York Times*» ta'l 1 ta' Jannar 1911, niehdu li dina Audoux, hajjata fkira hafna ta'l Qŭartier Latin ta' Pariġi u li nistghu nghidu li tilfet ghajnejha b'ix-xoghol żejjed ta'l hjata, rebhet il premju ta' hames t'elef franc li tat il gazzetta «*La Vie Heureuse*» lil chittieb jeŭ chittieba franciża li chitbu l-isbah ctieb ma tul is-sena 1910.

Dina ghixet f'il gabuba ta' fejn il bejt ta' dar li tiġi fejn l-Istazjon Montparnasse li tati fuk il Boulevard Raspail. Sa xahar kabel tista tghid li hadd ma chien jafha, il-lum il gazzetti ta'd-dinja collha huma mimlija b'it-tifhir u b'ir-ritratt taghha u hu ixxurtjat min jista jersak lejha biex ijchellimha u biex jiddobba il firma taghha. Sa ftit ġranet kabel ma hadet il premju chienet imdejjka ghall meŭt mnejn sejjra ticseb il ftit franchi ta'l chera ta gabuba taghha li chien ŭasal biex jaghilkilha, il-lum l-edituri ma humiex hlief jitmashnu bejniethom u jŭieghduha il belli flejjes biex tictbilhom xi haġa b'isimha.

Il ctieb taghha li rebah dana il premju jismu «Marie Claire» u il premju jsejjhulu «Premju ta'l Accademja ta'n-Nisa.»

Maghha ġerreŭ hafna chittieba ohra ġa maghrufa hafna ghal l-opri taghhom iżda hi sebkithom il coll.

Ilha hafna snin ma tixghel hecc Pariġi ghal ctieb sabih li hareġ fiha u Audoux f'dana ir-romanz taghha ma ghamletx haġ'ohra hlief tenniet haġa b'haġa cull ma sofriet biex kalghet x'tiecol hażin minn mindu sfat ŭiehidha b'il meŭt t'ommha sa'l-lum.

# AKRAU

L-EUUEL TAKSIMA

TA'R-ROMANZ MALTI ORIGINALI

# "IS-SAHHAR FALZUN"

TA'

AGOSTINO LEVANZIN

GHALIEX TOGHGOBCOM SGUR.

---

# IL CAUCAU BENSDORP

HU GARANTIT PUR

MINN GHAJR EBDA MATERJA GRASSA

gha'r-RANDAN

Jimbiegh minn ghand l-Agenti tieghu

**BISS**

## C. CAMILLERI & SONS

50 u 51 Strada Mercanti il Belt

# BRITANNIA

STABIL MENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

INJAM

**ta'l ahmar, ta'l abjat, u ta'l caũba.**

**Collox m'il irhas u m'il ahjar.**

BRITANNIA

---

Biex tinzammu b'sahhitcom

# IPPURIFICAU

# BIDDLU

# u SAHH'HU

DEMMCOM

BID

# DEPURATIV

# RICHELET

Daũc collha li jridu iccuraũ rũieħhom u jinżammu dejjem b'saħħitom minngħajr ma jinħakru b'cull xorta ta' mardijiet għandhom jieħdu DARBTEJN jeũ TLIETA fis-sena minn din il medicina DEPURATIV RICHELET li jista jingieb minn għand dan is-sinjur:—

Monsieur L. RICHELET, 13, rue Gambetta, SEDAN (Franza).

Haũn Malta jinxtara minn għand **L-Ispizzjar Alfredu Cumbo** ta' Strada Rjali, 26. Il Belt.

---

# Is-Sur Raff: Bonello

TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)

għandu għal bejh cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħũejjeġ ta s-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tũiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daũl kaũũi u sabiħ ũisk u ħafna ħũejjeġ oħra bħal daũn ta'l aħjar qũalità u bi prezzijiet m'il orhos. Ippruvaũ biex taraũ chif toħorġu cuntenti sgur.

---

# L=OSSIGENU

li illum hu tant użat f'il mard, dari chien ijsir fl-ispiżżeriji m'il ispiżżjari stess; iżda sabu li ma chienx joħroġ pur b'iż-żejjed u għalhecc ma chienx jagħmel dac il gid collu li chien ijmissu. Illum it-tifel ta'l Prof: Leube ta'l Germanja (dac li ipprepara l-arja liqũida) sab chif minn dina l-arja liqũida joħroġ l-

## OSSIGENU PURISSIMU

u saret soċjetà għal dina il ħaġa li kiegħda tforni lill ispiżżjari ma'd-dinja collha b'dana ir-rimedju tant ta' ħtieġa.

HAUN MALTA

ma nafux li għandu minnu ħlief

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

**Ta' Strada Rjali (kuddiem il Club) il Belt.**

u għalhecc cull min jcollu bżonn ta' dana l-ossigenu pur f'loc li jokgħod jistenna li jlestuhulu fi spiżżeriji oħra jsibu lest għand is-Sur Cumbo pur u bi prezz moderat ħafna.

---



Min hu marid bl-ANEMIJA (nakar ta'd-demm) u jrid ijfiek f'GHOXRIN ġurnata jieħu

**L'ELIXIR**

## TA' S. VINCENS DE PAOLI

Is-Sur G. Muscat ũara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaũũi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaũũija. Daũna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaũh fukhom stess jeũ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

---

# IS=SECLU TA'N=NERVI.

**Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haũn ħadd li ma hux maħsus b'in-nervi u l-actar b'il misħuta**

## NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seũũa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Ħafna ippruvaũ iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar**

Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ũara studju cbir sab il famus**

## ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeũ jagħmel il gid lil cull min jużah.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**¡IPPRUVAŨH GHALIEX MA JIBDIELCOMX!**

**In-"Nahla" tistampa rukha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.**